MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1860/2000/1

**Daniel Falzon**

**vs**

**Helena Aquilina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi hu u l-konvenuta kellhom relazzjoni bejniethom u anke kienu gharajjes lil xulxin. Illi dina l-gherusija illum il-gurnata spiccat u giet terminata.

Illi matul l-gherusija, l-attur kien xtara diversi oggetti li kellhom jintuzaw mill-attur u l-konvenuta fl-eventwalita li l-partijiet jizzewgu.

Illi dawn l-affarijiet mixtrija u mhallsa mill-attur jinkludu hlasijiet li saru fuq kcina, xi ghamara ohra, appliances ghal istess kcina u flus mhallsa ghal xogholijiet iehor konness mal-kcina msemmija.  Illi l-ammont mhallas mill-attur komplessivament jammonta ghal elfejn u hamsa u tletin lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2035.26).

Illi l-attur interpella lill-konvenuta sabiex tersaq ghal hlas u dina baqghet inadempjenti. Illi l-konvenuta qeghdha wkoll taghmel uzu minn l-istess kcina, ghamara u appliances, b' dana illi qed tirrifjutha li thallas lill-konvenut l-ispejjez li huwa ghamel in konnessjoni mal-oggetti msemmija.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenuta hi debitrici tal-attur fl-imsemmija somma ta' elfejn u hamsa u tletin lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2035.26), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, liema somma hi rappresentanti tal-valur ta' parti minn prezz ta' kcina, ghamara, "appliances" u oggetti ohra mhallsa mill-attur ghal oggeti li qeghdin fil-pussess u qed jintuzaw mill-attrici, li l-konvenuta tigi kundannata thallas lill-attur l-imsemmija somma jew somma verjuri likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 22 ta' Marzu 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija dezerta ai termini tal-artikolu 963 Kap 12 Ligijiet ta' Malta billi l-att tac-citazzjoni fil-kawza odjerna gie notifikat lill-konvenuta aktar minn sitt xhur wara l-presentata tal-istess citazzjoni.

Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija nulla u invalida fil-ligi, billi talba ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu hija inkompatibbli mal-premessi migjuba mill-attur, in kwantu indipendentement mill-fatti tal-kaz, ma tirrizulta mill-premessi l-ebda relazzjoni kontrattwali jew bazi guridika li tista' tiggustifika t-talbiet maghmula, u jekk semmai l-oggetti msemmija jappartjenu verament lill-attur l-uniku rimedju tieghu fil-ligi seta' kien li jitlob ir-restituzzjoni taghhom.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke f'kaz li din il-Qorti kellu jidhrilha li l-imkompatibilita' bejn il-premessi u t-talbiet attrici ma tikkostitwix kawza ta' nullita', xorta wahda t-talbiet huma guridikament minghajr bazi, billi l-allegat pussess ta' persuna ta' oggetti appartenenti ghal persuna ohra tista' biss tiggustifika talba ghar-restituzzjoni jew semmai ghad-danni, u qatt ma tista' tiggustifika talba ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu konsistenti fil-valur ta' tali oggetti u l-konvenuta ghalhekk tablet li din il-Qorti fi stadju ta' smiegh preliminari li tghaddi ghas-sentenza immedjatament a tenur ta' l-artikolu 195(2) u 202(2)(a) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta wara li tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi fil-mertu, jigi eccepit illi l-attur ma ghad ghandu l-ebda dritt fuq il-mobbli in kwistjoni, billi huwa biegh u ceda d-drittijiet tieghu fuqhom lill-konvenuta versu l-ammont ta' elf u mitejn u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm1,225), liema ammont thallas mill-konvenuta direttament lill-Blue Sky Furniture Ltd in sodisfazzjon tad-dejn ta' l-attur, skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

F'din id-dikjrazzjoni guramentata l-konvenuta kkonfermat li hi qatt ma accettat li tixtri l-mobbli in kwistjoni u hi qalet lill-istess attur li jekk ried seta jiehu kollox lura. Skond il-konvenuta sussegwentement l-attur biegh u ceda d-

drittijiet tieghu rigwardanti l-mobbli in kwestjoni lill-istess konvenuta versu l-ammont ta' elf u mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1,225), liema ammont thallas mill-konvenuta direttament lill-Blue Sky Furniture Ltd in sodisfazzjon tad-dejn ta' l-attur, skond l-istruzzjonijiet tal-istess attur, kif jirrizulta mill-annessi dokumenti "Dok HA1" sa "Dok HA3." Skond il-konvenuta meta l-attur sar jaf li l-konvenuta kienet tgharset mil-gdid ma terzi beda jichad l-imsemmi ftehim u beda jsostni li l-hlas li kien effettivament sar ma kienx bizzejjed ("Dok HA4").

Rat li l-konvenuta ddikjarat fil-kors tas-seduta tal-24 ta' April, 2001 li mhux qed tinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-4 ta' Ottubru 2001 li biha gie deciz li c-citazzjoni mhux milquta minn xi tip ta nullita' u b'hekk giet michuda t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-attur.

Semghat lill-attur minn jeddu.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghat lill-konvenuta minn jedda.

Semghat lill-attur in kontro-esami.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Il-partijiet kienu ghamlu xi sentejn johorgu flimkien. L-attur jghid li huma kienu gharajjes filwaqt li l-konvenuta tghid li huma kienu biss johorgu flimkien bis-serjeta' pero' ma kienux gharajjes. Il-partijiet jaqblu pero' li huma kellhom l-intenzjoni li eventwalment jizzewwgu tant li l-konvenuta akkwistat appartament u l-attur, bil-konsapevolezza tal-konvenuta kellu jibda jixtri l-ghamara bil-ghan li wara l-

eventwali zwieg jmorru jabitaw fl-imsemmi appartament. F’dawn il-proceduri Daniel Falzon, l-attur, jippretendi li hu kreditur tal-konvenuta, Helena Aquilina, fis-somma ta’ elfejn u hamsa u tletin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2035.26), liema somma tirrappresenta l-valur ta’ parti minn prezz ta’ kcina, ghamara, “appliances” u oggetti ohra mhallsa minnu u liema oggetti issa qeghdin fil-pussesss tal-konvenuta kif ukoll qed jintuzaw mill-konvenuta. In effett il-partijiet wara xi sentejn ma komplewx johorgu flimkien u ovvjament huma ma zzewgux. L-attur qed jitlob principalment li l-konvenuta tigi kkundannata thallas l-imsemmija somma jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti.

Il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha, filwaqt li t-tieni eccezzjoni rigwardanti n-nullita’ tac-citazzjoni giet michuda bl-imsemmija sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-4 ta’ Ottubru 2001. Il-konvenuta qed teccepixxi ukoll li preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati billi l-attur jista biss jitlob ir-restituzzjoni tal-oggetti in kwestjoni jew jista jitlob id-danni u kwindi t-talba tal-attur, kif formulata fil-presenti citazzjoni, cioe’ talba ghall-kanonizzazzzjoni ta’ kreditu ghall-valur tal-oggetti in kwestjoni, skond il-konvenuta, hi rregolari u mhux gustifikata. Inoltre skond il-konvenuta, f’dawn ic-cirkostanzi, ai termini tal-artikoli 195(2) u 202(2)(a) tal-Kap.12, il-Qorti tista tghaddi immedjatament ghas-sentenza, cioe’ anke fi stadju preliminari, u dan wara li tisma’ s-sottomissjonijiet tal-partijiet. Fil-mertu l-konvenuta ssottomettiet li l-attur ma ghad ghandu ebda dritt fuq il-mobbli in kwistjoni peress li huwa biegh u ceda d-drittijiet tieghu rigwardanti l-oggetti in kwestjoni lill-istess konvenuta u dan versu s-somma ta’ elf u mitejn u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm1,225), liema somma l-konvenuta hallset direttament lill-vendituri tal-kcina in kwestjoni cioe’ d-ditta Blue Sky Furniture u dan a saldu ta’ ammonti li l-attur kien ghad ghandu jaghti lill-imsemmija vendituri fuq l-istess kcina. Skond il-konvenuta l-imsemmi hlas sar fuq struzzjonijiet tal-attur stess.

Dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari l-konvenuta naqset li tindika fuq liema artikoli tal-Ligi qed tibbaza din l-eccezzjoni taghha. Inoltre d-difensur tal-istess konvenuta naqas li jittratta oralment s-sottomissjonijiet tal-konvenuta, inkluza din is-sottomissjoni in kwestjoni u dan nonostante li nghata l-opportunitajiet kollha biex jaghmel tali trattazzjoni orali. Barra minn hekk il-Qorti ma tara xejn irregolari fit-talbiet kif formolati mill-attur. L-attur qed jitlob li jithallas lura l-ispejjez li hu kien ghamel in vista tal-eventwali zwieg li kien prospettat bejn il-partijiet, liema zwieg eventwalmet, pero’, ma sehhx. Dawn l-oggetti baqghu ghand il-konvenuta li allegatament kienet ukoll qed tuzhom u kwindi talba ghal hlas tal-valur tal-oggetti in kwestjoni hi f’lokha u ma hemmx ghalfejn li l-attur jitlob li l-istess oggetti jigu restitwiti jew li jitlob id-danni. Ma hemm xejn li jista jzomm l-attur milli jitlob diretament li jithallas il-valur tal-oggetti li baqghu ghand il-konvenuta. Hu ovvju ukoll li l-artikoli li ghalihom ghamlet referenza il-konvenuta fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari in esami mhux applikabbli. In vista tal-premess din l-eccezzjoni preliminari in esami m’ghandhiex tigi akkolta.
Kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuta fil-meritu, din l-eccezzjoni tirrigwarda biss ftehim allegatament milqugh bejn il-partijiet fis-sens li l-attur biegh u ceda lill-istess konvenuta d-drittijiet kollha li seta kellu rigwardanti l-oggetti li huma l-mertu tal-presenti proceduri. Skond il-konvenuta din ic-cessjoni tad-drittijiet saret bil-prezz ta’ elf u mitejn u hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm1,225). Il-konvenuta izzid issostni li hi hallset l-imsemmija somma direttament lill-fornituri tal-kcina in kwestjoni u dan fuq l-istruzzjonijiet tal-attur stess. Inoltre l-konvenuta tallega li l-attur beda jichad li kien sar dan il-ftehim maghha wara li huwa sar jaf li hi kienet tgharset ma terza persuna. Hawnhekk ukoll, skond il-konvenuta, l-attur beda isostni li l-ammont li l-konvenuta hallset ma kienx bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-ammont li huwa kien hallas ghal l-oggetti in kwestjoni.

In effett Direttur tal-imsemmija ditta Blue Sky Furniture ikkonferma fis-sustanza dak li qed issostni il-konvenuta. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ahhar pagament ghar-rigward tal-kcina in kwestjoni sar mill-konvenuta bil-

konsapevolezza tal-attur. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien fil-fatt hallas id-depositu u kien ukoll ghamel zewg pagamenti. In effett il-konvenuta meta ghamlet l-ahhar pagament hallset il-bilanc kollu li kien ghadu dovut fuq il-kcina in kwestjkoni. Dak li qal l-imsemmi xhud hu indikattiv li dak li qed isostni l-konvenuta hu dak li fil-fatt gara u cioe' li kien hemm ftehim li l-konvenuta kellha thallas il-bilanc li kien ghad fadal x'jithallas u l-attur icediu a fsavur taghha l-preensjonijiet tieghu ghar-rigward tal-oggetti in kwestjoni.

Hemm kwestjoni bejn il-partijiet u cioe' jekk kienux formalment gharajjes u jekk kien hemm tali gharusija, din thassret minnghajr raguni valida mill-konvenuta. Hu minnu li l-partijiet jaqblu li huma kien behsiebhom jizzewgu. Jirrizulta pero' li huma damu johorgu flimkien ghal circa sentejn, liema periodu ta' zmien, fl-opinjoni tal-Qorti u fic-cirkostanzi prevalenti, ma kienx twil bizzejjed li jista jinghad li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet zgur ser twassal ghal zwieg. La l-attur u wisq inqas il-konvenuta ma ghad ippronunzjaw il-kelma "mhabba" jew xi derivattiv taghha. Inoltre jirrizulta li meta spiccat ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet lanqas ma kien hemm iffissata data taz-zwieg. Dan kollu hu indikattiv li ma kienx hemm gharusija formali bejn il-partijiet u konsegwentement hu irrilevanti ta' min kien it-tort li r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat. Ghalhekk il-kwestjoni kollha tirrisolvi ruhha jekk verament kienx hemm il-ftehim li qed tallega l-konvenuta li kien hemm dwar li l-attur ceda d-drittijiet kollha tieghu fuq il-mobbli in kwestjoni meta l-konvenuta hallset bl-approvazzjoni tal-attur il-bilanc kollu li kien ghadu dovut lill-fornituri tal-kcina in kwestjoni.

Jidher li ghall-ewwel, cioe' meta r-relazzjoni spiccat, l-attur ma kellux interess li jiehu lura l-oggetti in kwestjoni u effettivament l-istess attur halla fl-appartament dawn l-istess oggetti, kif ukoll halla sufan, li seta facilment jittiehed mill-istess attur. Jista jkun li l-attur agixxa b'dan il-mod anke in vista tal-ftehim li l-konvenuta tallega li kien hemm. F'dan ir-rigward l-attur jghid li ma setghax jiehu lura l-oggetti in kwstjoni peress li l-kcina kienet saret "fitted" cioe' mahduma appositament ghal post fejn tpoggiet fl-appartament tal-konvenuta. Hawnhekk il-Qorti

issib li hu ukoll verosimili dak li qed jigi allegat mill-konvenuta u cioe' li l-attur beda jichad li sar l-imsemmi ftehim malli sar jaf li l-konvenuta kienet qed tohrog ma xi hadd iehor. In effett l-attur jallega li l-fatt li l-konvenuta bidet tohrog ma xi hadd iehor setghet kienet ir-raguni ghaliex il-konvenuta ma komplitx tohrog mieghu.

Inoltre, meta l-attur kien qed jigi kontro-esaminat, huwa biddel xi ftit dak li kien qed isostni qabel, fis-sens li jghid li l-konvenuta kienet qaltlu li seta jiehu lura l-affarijiet li huwa kien xtara pero' izid jghid li l-konvenuta kienet qed tirreferi ghal dawk mill-oggetti in kwestjoni li setghu facilment jinqalghu u li ma kienux imwahhlin. Hawnhekk jerga jigi ribadit li l-attur stess jammetti li hu halla fl-appartament tal-konvenuta sufan, li setgha facilment jittiehed mill-attur. L-attur jghid li l-appliances in effett kienu mwahhlin. Hu komunement risaput li dawn facilmwent ikunu jistghu jinqalghu. F’dan ir-rigward l-attur jghid li “xi hadd” kien tah parir biex ma jaqlax u jiehu l-kcina peress li l-valur ta’ kcina “fitted” kien jonqos konsiderevolment jekk tinqala minn postha. L-attur ma specifikax min kien trah dan il-parir u lanqas ma pproducja lil xi hadd li seta tah l-imsemmi parir. Hu ukoll komunement maghruf li kcina hekk imsejjha “fitted” b’xi akkorgimenti u arrangamenti tista tigi adattata ghal xi lok iehor. Jidher li in effett l-attur ma riedtx jiehu lura l-mobbli in kwestjoni. Dan hu indikattiv li in effett il-partijiet kienu ftehemu dak li qed tallega l-konvenuta.

Inoltre dak li allegat il-konvenuta gie in parte konfermat minn dak li xehed direttur tal-fornituri tal-kcina fis-sens li d-depositu u l-ewwel pagamenti saru mill-attur filwaqt li l-konvenuta hallset il-bilanc kollu li kien dovut fuq l-istess kcina u inoltre li dan il-pagament li sar mill-konveruta sar bil-konsapevolezza tal-attur.

Fl-opinjoni tal-Qorti l-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenuta timmerita li tigi akkolta peress li jirrizulta b’mod sufficjenti li l-partijiet kienu ftehehemu li l-konvenuta thallas il-bilanc li kellu jithallas ghar-rigward tal-oggetti kollha in kwestjoni u l-istess oggetti jsiru proprjeta’ taghha. In effett din il-

versjoni tal-konvenuta hi ukoll l-aktar wahda verosimili fic-cirkostanzi kollha prevalenti u partikolari tal-kaz. Hu verosimili li l-attur fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom, cioe' kif isostni huwa stess fejn it-tfajla tieghu telqitu minghajr ebda raguni valida, jiddeciedi li jehles mid-dejn li kien ghad fadal meta fl-istess hin hu ma kellux bzonn u ma riedtx li jibqa izomm l-oggetti li kien xtara.

Fid-dawl tal-premess l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta, li ghada ma gietx deciza, jisthoqqilha li tigi rigettata. L-eccezzjoni fil-meritu pero' timmerita li tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kolha tal-attur ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta li fadal li tigi deciza u fit-tieni lok tilqa l-eccezzjoni fil-meritu tal-istess konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------